TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/442/11/S

Tony Fava u Isabel Vassallo
Vs
SMS Mondial Company Limited

Illum 1 ta'Gunju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Tony Fava datata 10 ta'Ottubru,2011 u z-zieda ta' Isabel Vassallo bhala rikorrenti fis-seduta tal-15 ta'Marzu,2012, u r-risposta tas-socjeta intimata SMS Mondial Co.Ltd datata 24 ta'Jannar,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom kif ukoll it-trattazzjoni taghhom fil-15 ta'Marzu,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda talba ghal skont talli ibbukkjaw kmieni li skont ir-rikorrenti, ma inghatawx u talba ghal danni morali ghax damu biex jimbarkaw wara li qalulhom li kienu kkancellaw il-'cruise' meta kienu kkancellaw dak ta' iben Isabel Vassallo biss;

Illi mid-dokumentazzjoni pprezentata jidher car li l-iskont talli wiehed jibbukkja kmieni, kien jinghata jekk isir 'booking' sat-30 ta'Novembru,2010;

Illi r-rikorrenti stess fit-talba taghhom ikkonfermaw li ghamlu l-'booking' u hallsu d-depozitu fid-9 ta'Dicembru,2010 jigifieri wara d-data stabbilita sakemm wiehed seta' jibbenefika minn skont;

Illi fil-fatt Isabel Vassallo fix-xhieda taghha quddiem it-Tribunal tikkonferma li *"jien hadt iz-zmien biex nibbukkja..."*;

Illi min-naha l-ohra, Ritianne Grima spjegat ic-cirkostanzi fis-sens li ghalkemm kienet ibbukkjat lir-rikorrenti fis-26 ta'Novembru,2010 u kellhom jigu l-ghada biex ihallsu d-depozitu, dan m'ghamluhx u ghalhekk il-'booking' waqa';

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Illi r-rikorrenti kienu ghamlu 'booking' iehor jiem wara;

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, ma jirrizultax xi nuqqas daparti tas-socjeta intimata;

Illi l-kundizzjonijiet biex wiehed jibbenefika mill-iskont ta' bbukkjar kmieni, kienu maghrufa u cari u d-decizjoni jekk u meta jibbukkjaw kienet tiddependi biss mir-rikorrenti;

Illi t-talba tar-rikorrenti ghal danni morali m'hijiex sostenibbli wara li r-rikorrenti kkonfermaw li inghataw 'upgrade' ghal malintiz li seta' kien hemm anki jekk ma gie ppruvat ebda nuqqas daparti tas-socjeta intimata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Tony Fava u ta' Isabel Vassallo u Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta SMS Mondial Company Limited u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati unikament mir-rikorrenti Tony Fava u Isabel Vassallo.

Richard Sladden Av.
Arbitru